## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

### IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. MELVIN MONTESIN (KI. 62690M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**28/02/2023**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Lill | **Melvin Montesin** | Bin Emanuel u Gaetana nee' Magri | **Mwieled: 14/01/1990 Pieta'** |
| **I.d.** | **62690(M)** | **Res: Binja Hesri, Ent E, FL 5, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi.** | |

**Billi int akkuzat talli fit- 28/02/2021 ghall- habta ta' 22:30hrs fi Triq il- Mini ta' Hal Kirkop, Kirkop waqt li kont qed taghmel uzu min vettura ABR331**

1 Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuragni. Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3)

2 Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b`mod perikoluz. Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2)

3 Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr licenzja tas-sewqan. Kap 65 Artiklu 15 (1)(a), (3)

4 Uzajt, gieghelt jew hallejt lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq minghajr polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni. Kap 104 Artiklu 3 (1)

5 Kellek vettura bil- mutur fit- triq, kemm ipparkjata, kemm qed tintuza minghajr ma kellha licenza mahruga mill-Awtorita ghatt- Trasport f' Malta u nqast li ggeddida kull sena. L.S. 368.02 Artiklu 13 (2)

6 Inqast li tobdi minnufih kull ordni, indikazzjoni jew sinjal moghti jew maghmul mill-pulizija jew minn gwardjan lokali, waqt li kont qed issuq jew kellek fil-kontroll tieghek vettura bil-mutur. L.S. 65.11 Artiklu 124 (1)

7 Ghidt kliem oxxen jew indicenti jew ghamilt atti oxxeni jew gesti indicenti jew b`manjieri ohra fil-pubbliku. Kap 9 Artiklu 338 (bb)

8 Bhala persuna ingurajt, heddidt jew ghamilt offiza fuq persuna ta` wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li qed jaghmlu dan is-servizz bil-hsieb li tbezza jew tinfluwixxi kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta` dan is-servizz. Kap 9 Artiklu 95.

9 Bhala persuna inti sirt recediv b`sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 06/11/2018 mill- Mgt. Dr. F. Depasquale LL.D liema sentenza saret definita u ma tistax tigi mibdula. Kap 9 Artiklu 49, 50

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PS 1474 (affidavit), PC 1113 (affidavit), PC 695 (affidavit), Stephen Cachia (affidavit - Transport Malta) u Tania Xuereb (affidavit - Transport Malta).

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

*Ammissjoni għall-imputazzjonijiet numru tlieta (3), erbgħa (4), ħamsa (5) u disgħa (9)*

Fis-seduta tat-28 ta' Frar 2023 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet numru 3, 4, 5 u 9 u kkonferma l-ammissjoni tiegħu wara li l-Qorti tagħtu ċans jikkonsulta mal-avukat tiegħu u jerġa jaħsibha.

Ċio' nonostante il-Qorti ma tistax issibu ħati tal-ħames imputazzjoni u ċioe dik illi l-imputat kellu vettura bil-mutur fit-triq li kienet qed tintuża mingħajr ma kellha liċenzja maħruġa jew mġedda mill-Awtorita' għat-Transport f' Malta. Dan għaliex irrispettivament minn jekk dan kienx il-każ jew le, il-Qorti xorta waħda hija tenuta ma timponiex il-piena applikabbli liema piena taqa' taħt l-iskeda ta' pieni elenkati taħt ir-Regolament 44(7) tal-L.S. 368.02 peress illi kif ġie deċiż numru ta' drabi mill-Qorti tal-Appell Kriminali[1], l-pieni taħt ir-Regolament 44(7) tal-L.S. 368.02 ma' jistgħux jiġu erogati mill-Qorti stante illi l-leġislatur ma pprovdiex għal jekk dawn humiex multi jew ammendi. Il-Qorti, kif ilha tagħmel għal numru ta' snin, tawspika li l-leġislatur li ilu jaf b'din l-anomalija (u oħrajn bħalha) sa mill-2016 jieħu ħsieb jwettaq l-emendi neċessarji għall-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 mingħajr iktar dewmien**.**

Fir-rigward tad-disa' imputazzjoni u ċioe l-addebitu tar-reċidiva taħt l-Art. 50 tal-Kap. 9 il-Prosekuzzjoni jeħtieġ li minimament tressaq:

1. prova dwar il-kundanna jew kundanni preċedenti tal-imputat (*inter alia* permezz tal-esebizzjoni ta' vera kopja tas-sentenza/i in kwistjoni),
2. prova dwar il-konnotati (li għandhom ikunu preżenti fis-sentenza/i esebita/i), u

[1] Ara fost oħrajn **Pulizija v. Carmelo Sammut** (App Krim 85/2015 GG, 30/10/2017) u **Pulizija v. James Zammit** (App Krim 66/2021 GG, 29/11/2021)

3. prova dwar li s-sentenzi jkunu tabilħaqq għaddew in ġudikat u li f'każ ta' imposizzjoni ta' multa, li l-multa tkun effettivament tħallset.

Kif ġie ritenut diversi drabi mill-Qrati tagħna l-fedina penali waħedha m'hijiex sufficjenti sabiex tissodisfa din il-prova iżda tiswa biss bħala għodda sabiex tiġi kkalibrata l-piena. F'dan il-każ ġew esebiti l-fedina penali u s-sentenza datata 6 ta' Novembru 2018 (bil-konnotati tal-imputat fiha) iżda ma nġabet l-ebda konferma illi s-sentenza għaddiet in ġudikat u lanqas illi l-multa imposta mill-Qorti ġiet imħallsa (u meta ġiet imħallsa). Madanakollu l-imputat ammetta b'mod inkundizzjonat din l-imputazzjoni. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet: **'Il-Pulizija v. Timothy Joe Forace'** (30/09/2021, App. Nru. 479/2017, Imħallef Aaron M. Bugeja) stqarret kif ġej:

> *"F'dan il-każ ukoll ma jirriżultax li l-appellant talab li jressaq xi provi partikolari. B'hekk meta l-appellant, tajjeb jew ħażin, għażel li jammetti għall-imputazzjonijiet u għall-addebitu tar-reċidiva, huwa kien qiegħed joqgħod għall-ġudizzju li kienet obbligata tgħaddi fuqu il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u tagħtih il-piena skont il-Liġi fuq dak li jkun irriżultalha...*
>
> *... 23. Meta persuna tirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kontestati lilha, inkluż l-addebitu tar-reċidiva, dik l-ammissjoni hija meqjusa bħala il-"prova reġina" fis-sens li l-imputat ikun qiegħed jirrikonoxxi li huwa jkun wettaq ir-reati kontestati lilu fl-att akkużatorju u fil-każ li jkun addebitat bir-reċidiva, huwa jkun ukoll aċċetta u rrikonoxxa li meta wettaq ir-reati kontestati lilu, huwa kien ukoll, f'dak il-mument kwalifikat bl-addebitu tar-reċidiva. Bl-att tal-ammissjoni tiegħu l-imputat ikun qiegħed jeżenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq provi relattivi għall-fini ta' sejbien ta' ħtija tal-imputazzjonijiet jew addebitu tar-reċidiva kontestat lilu u dan peress li l-ammissjoni ħielsa imtennija tiegħu titqies li tkun prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li huwa jkun verament wettaq ir-reati u/jew l-addebiti kontestati lilu skont kif ikunu ġew kontestati lilu. Jekk l-imputat ikollu xi dubju jew ma jkunx konvint minn dak li jkun qed jiġi kontestat lilu, huwa ħieles li ma jammettix u l-każ ikompli bil-proċedura normali. Iżda ġaladarba l-imputat ikun liberament u bl-għarfien tan-natura tal-imputazzjonijiet u/jew l-addebitu tar-reċidiva u l-konsegwenzi naxxenti mill-ammissjoni, irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet u/jew l-addebitu tar-reċidiva u din l-ammissjoni tkun ġiet imtennija, allura ftit hemm xi tgħid iżjed. Huwa jkun irrikonoxxa l-ħtija tiegħu u jkun irrikonoxxa wkoll li issa jkun irid joqgħod għall-piena skont il-Liġi."*

Hekk ukoll irriteniet l-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet: **'Il-Pulizija v. Sean Farrugia'** tal-20 ta' Novembru 2020:

*"Fir-rigward tal-aggravju li l-ewwel Qorti ma messitx sabet lill-appellant hati tal-akkzua ta' recidiva jinghad li huwa veru li l-Qorti ma tistax issib pesuna hatja talli hu recidiv sempliciment a bazi tal-fedina penali tieghu pero' f'dan il-kaz mhux hekk gara. L-ewwel Qorti sabitu hati talli huwa recidiv a bazi tal-ammissjoni tieghu stess. Meta l-appellant irregistra ammissjoni kien fl-istess hin qed jezenta lill-prosekuzzjoni mill-htiega li tkompli tressaq il-provi taghha u f'dan il-kaz in vista tal-ammissjoni tal-appellant l-prosekuzzjoni ma kellhiex ghalfejn tesebixxi xi sentenzi li inghataw fil-konfront tieghu u dan ghaliex l-appellant kien gja ammetta dan il-fatt. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud."*

Fuq l-insenjament ta' dawn is-sentenzi u oħrajn bħalhom din il-Qorti għalhekk qed tqis illi għalkemm il-Prosekuzzjoni ma' ressqitx ll-provi kollha li kellha tressaq f'dan ir-rigward (għajr għall-preżentata tal-fedina penali u tas-sentenza), din l-imputazzjoni hija meqjusa li tirriżulta ppruvata fil-konfront tal-imputat bis-saħħa tal-ammissjoni tiegħu.

*L-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni*

L-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet huma li l-imputat saq bi traskuraġni u b'mod perikoluż rispettivament. L- Artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65) jipprovdi hekk:

**"15. (1) Kull min -**

**(a) isuq vettura bil-mutur ... b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż,... ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena."**

Imbagħad l-Artikoli 15(2) u (3) jipprovdu illi:

**"(2) Meta r-reat ikun jikkonsisti f'sewqan ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż, il-qorti, b'żieda tal-piena taħt is-subartikolu (1), għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan, f 'każ tal-ewwel kundanna, għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur, u f'każ tat-tieni kundanna jew kundanna oħra wara għal żmien ta' mhux anqas minn sena.**

> **'(3) Fil-każ ta' kull reat ieħor taħt is-subartikolu (1) il-qorti b'żieda għall-piena skont dak is-subartikolu, għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem"**

Dwar il-provi ta' sewqan b'mod traskurat, bla kont u b'mod perikoluż, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qalet fis-sentenza moghtija nhar is-6 ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**' illi:

> *"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat…sewqan bla kont hu sewqan bi traskuragni kbira u tinkludi kazijiet fejn wiehed deliberament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabilta ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi … sewqan perikoluz jirrekjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi."*

L-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 jirreferi għal sewqan b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż. It-test Ingliż tal-liġi jirreferi għal sewqan "*in a reckless, negligent or dangerous manner*". Pero l-Artikolu 15(2) imbagħad jirreferi għal sewqan "bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż" filwaqt li t-test Ingliż tal-Art. 15(2) jirreferi għal sewqan "*in a reckless or dangerous manner*". Huwa evidenti għalhekk illi bil-kliem "*sewqan bi traskuraġni kbira*" fl-Artikolu 15(2) il-leġislatur ried ifisser "*sewqan bla kont*". L-iskwalifika iktar severa għal sewqan bla kont u sewqan perikoluż imposta fl-Artikolu 15(2) – b'differenza għal dik inqas severa għal sewqan traskurat imposta fl-Artikolu 15(3) – tirrifletti l-gravita' differenti illi l-leġislatur jattribwixxi għal dawn il-modi ta' sewqan.

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Jason Scerri**' (Qorti tal-Maġistrati Kumpilazzjoni Nru.: 1131/13 RM – deċiża 01/11/2018) il-Qorti qalet hekk:

> *"Jinghad illi l-kuncett ta' sewqan perikoluz u sewqan bla kont ghalkemm mhux imfissra espressament fil-ligi taghna, huwa identifikabbli mal-kuncett ta' recklessness fil-ligi Ingliza fejn jinsab ritenut illi, sabiex jissussisti l-mens rea ta' recklessness, m'hijiex bizzejjed kondotta merament traskurata jew imprudenti izda wahda li timmanifesta non-kuranza totali ghar-riskji li johloq. Fil-kaz Quinn vs. Cunningham, Lord Justice-General Clyde fisser li sabiex tip ta' kondotta jikkwalifika bhala reckless jehtieg li jigi identifikat:- "… an utter disregard of what the consequences of the act in question may be in so far as the public are concerned."*

*Il-Blackstone jaghmel referenza ghall-CPS Policy for prosecuting cases of bad driving biex ifisser mil-lenti tal-ligi Ingliza, x'tip ta' sewqan jista' jitqies b'success ghall-finijiet ta' imputazzjoni ta' sewqan perikoluz:- "… racing or competitive driving; speed which is highly inappropriate for the prevailing road or traffic conditions; aggressive driving, such as sudden lane changes, cutting into a line of vehicles or driving much too close to the vehicle in front; disregard of traffic lights and other road signs, which, on an objective analysis, would appear to be deliberate; disregard of warnings from fellow passengers; overtaking that could not have been carried out safely; driving a vehicle with a load that presents a danger to other road users; where the driver is suffering from impaired ability such as having an arm or leg in plaster, or impaired eyesight; driving when too tired to stay awake; driving a vehicle knowing it has a dangerous defect; … … … or similar, in circumstances where the driver was avoidably and dangerously distracted by that."*

*Ferm il-konsiderazzjonijiet appena rapportati, huwa evidenti li d-differenza bejn l-addebitu tas-sewqan perikoluz u s-sewqan bla kont hija wahda ta' grad fejn, biex ir-recklessness manifestata fis-sewqan tilhaq il-grad ta' sewqan perikoluz, il-kondotta ghandha ggib maghha perikolu ghas-sigurta` tal-pubbliku u/jew proprjeta`. Infatti, jigi osservat ghall-finijiet ta' piena l-legislatur taghna pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa."*

Mill-affidavits ta' PC 1113 u PC 695, jirriżulta lill-Qorti illi fid-data, ħin u lok indikati fil-komparixxi l-imputat ġie ssenjalat biex iwaqqaf il-vettura tiegħu għal *road check* mill-Pulizija partikularment meta ġie nnotat illi kellu l-liċenzja tal-vettura skaduta. L-imputat però prova isuq bl-intenzjoni li jitlaq minn fuq il-post u kien ser jolqot lil PC 1113 R. Tonna li kieku dan ma resaqx jiġri minn quddiem il-vettura. Eventwalment l-imputat twaqqaf mal-ġenb sabiex jittieħdulu d-dettalji.

Issa bl-ammissjoni tiegħu għat-tielet imputazzjoni ossia' li l-imputat kien qiegħed isuq mingħajr liċenzja tas-sewqan, effettivament l-imputat kien qiegħed jammetti ukoll li saq bi traskuraġni peress illi kien qed jikser ir-regolamenti tat-traffiku. Il-Qorti però tara li l-aġir tal-imputat kien tali li jmur oltre mit-traskuraġni peress illi ġie ppruvat illi b'mod deliberat ħa riskju fis-sewqan tiegħu li ma kellux jieħu minħabba l-probabilta' ta' ħsara li setgħet tirriżulta lil terz (ossia lil PC 1113) u ġie ppruvat ukoll illi tali sewqan kien effettivament ta' periklu għas-sigurta' tal-uffiċjal imsemmi.

Għalhekk il-Qorti tqis illi t-tieni imputazzjoni (sewqan b'mod perikoluż) ġiet ippruvata sal-grad rikjest mill-liġi u din naturalment tikkomprendi fiha l-ewwel imputazzjoni (sewqan bi traskuraġni).

*Imputazzjonijiet numru sitta (6) u sebgħa (7)*

Dawn l-imputazzjonijiet huma lkoll ta' natura kontravvenzjonali u jirriżultaw illi huma preskritti bit-trapass ta' tlett xhur mid-data tal-allegat reati (28/02/2021) sad-data tan-notifika tal-komparixxi (07/09/2021).

*Imputazzjoni numru tmienja (8)*

Ir-reat ravviżat taħt din l-imputazzjoni jaqa' taħt l-Art. 95 tal-Kap. 9 li jipprovdi kif ġej:

> **'95. Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f 'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000).'**

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet: **Il-Pulizija v. Wayne Deguara** (App Nru: 49 / 2020 per Imħallef Consuelo Scerri Herrera, 05/01/2021) il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *'Illi l-hames akkuza kif kontemplata fl-Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficcjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dan ir-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.*
>
> *Illi l-vittma ta' dan ir-reat jista' jkun biss l-ufficcjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dan is-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.*
>
> *Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dan il-motiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dan billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficcjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:*

*“Quando l’oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e’ indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l’ingiuria fatta all’esercizio delle funzioni, l’insulto che degrada la loro dignita’; avesse pure quest’ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all’esercizio di esse sussisterebbe sempre.”*

*Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat nexus bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.*

*Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta’ ufficcjal pubbliku jew ta’ persuna nkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku. Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:*

*“This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person.”*

*Sahansitra f’sentenza moghtija fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Giuseppe Borg jinghad:*

*“Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell’agente, e’ necessario ad integrare l’elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita’ ufficiale dell’oltraggiato, ma questa scienza può sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell’oltraggio; di guisacché il reato può avverarsi anche se l’ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell’oltraggiante della qualita’ ufficiale dell’oltraggiato.”*

Mill-provi inkluż mill-affidavit ta’ PS 1474 jirriżulta illi l-imputat qal kliem ta’ theddid u oxxen fil-konfront tal-uffiċjali tal-pulizija u inoltre li pprova jintimidahom billi qallhom illi kien ser jiddispjaċihom jekk joħorġu xi tip t’akkużi fil-konfront tiegħu fil-Qorti. Dan l-aġir jikkonsisti f’oltraġġ ċar fir-rigward tal-uffiċjali tal-Pulizija konċernati u għalhekk din l-imputazzjoni ukoll tirriżulta ppruvata.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti filwaqt li tiddikjara preskritti l-imputazzjonijiet numru 6 u 7, tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni numru 5 u wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia l-Kap 65 Art. 15(1)(a), il-Kap 104 Art. 3(1), il-Kap 9 Art. 95 u Art. 49 u 50, ssibu ħati tal-imputazzjonijiet numru 2 (i.e. sewqan b’mod perikoluż kompriża fiha l-imputazzjoni numru 1), 3 (fuq ammissjoni), 4 (fuq ammissjoni), 8 u 9 (fuq ammissjoni, f’liema rigward tagħżel li ma tapplikax żieda bi grad tal-piena applikabbli) u**

**tikkundannah iħallas multa ta' erbat elef euro (€ 4,000). B'żieda mal-piena, l-Qorti tiskwalifikah milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' sittax-il (16) xahar (Kap. 65 Art. 15(2), (3) u Kap. 104 Art. 3(2A)).**

**V.G. Axiak** — **Y.M. Pace**

**Maġistrat** — **Dep. Reġistratur**